Heritage Malta

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-GRUPPI TAS-SEKONDARJA GĦAS-SENA 2019/2020

Kull ġurnata ser noffru sessjoni waħda li tibda fid-9.30 am u tispiċċa fil-12.30 pm. L-istudenti ser ikollhom waqfa ta' nofs siegħa. Għal dawn il-programmi edukattivi qed naċċettaw massimu ta' 25 student f'kull grupp.

Għal kull programm tematiku tingħabar donazzjoni ta' €1 minn kull student sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat. Il-lingwa ta' dawn il-programmi edukattivi hija l-Malti iżda wħud minn dawn il-programmi jingħataw ukoll bl-Ingliż. Dan irid jiġi ndikat fil-formola tal-*booking* (link hawn taħt). Sabiex tibbukkjaw dawn il-programmi edukattivi agħfas din il-link: https://heritagemalta.org/schoolbooking/thematic-activities/

Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-ħaddiema ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti

| Attività | Deskrizzjoni | Sena | Rabta mal-Kurrikulu | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **S12-19/20 Sette Giugno** | Attivitajiet marbuta maċ-ċentinarju tas-Sette Giugno u l-wirja Kulħadd għall-Belt. | L-10 Sena | Storja: 10.1:<br>Sette Giugno : Kawżi u Effetti | Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta. | 15, 16, 17, 18 ta' Ottubru 2019 |
| **S13-19/20 Forti Sant'Anġlu ġirja bejn il-passat u l-preżent** | Tagħrif dwar il-Medjuevu f'Malta, l-arkitettura u l-arti bit-teknika tal-print-making, forma u linja flimkien m'attivitajiet fiżiċi organizzati fi gruppi differenti. | It-8 Sena | Arti: 8.5<br>Storja: 8.4<br>PE: Fitness | Forti Sant'Anġlu, il-Birgu. | 21, 22, 23, 24, 25 ta' Ottubru 2019<br><br>Ibbukkjar isir permezz ittre fuq education@heritagemalta.org |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **S14-19/20 Il-Malti fl-Istorja** | Tagħrif dwar il-manifattura u l-istil tal-ħwejjeġ li kienu jilbsu l-Maltin fl-imgħoddi. L-attivita` tinkludi spjegazzjoni dwar il-funzjoni tat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni Rumana. L-istudenti jkollhom il-possibilità li jaraw mill-qrib parti mill-Kollezzjoni Nazzjonali tal-ilbies antik u jieħdu sehem f'reċta ta' każ tal-Inkwiżizzjoni. | Is-7 sena | Malti: It-Taħdit/Il-Proġett: Il-Folklor Malti. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Birgu. | 28, 29, 30, 31 ta' Ottubru 2019<br>18, 19, 20, 21, 22, ta' Novembru 2019,<br>2, 3, 4, 5, 6, 9, 10, 11, 12, 13, 16, 17, 18 ta' Marzu 2020 |
| **S15-19/20 Niskopru s-sigrieti tad-dokumenti** | L-istudenti ħa jkollhom l-opportunità janalizzaw sorsi t'evidenza li jinsabu fil-kollezzjoni ta' Heritage Malta | It-8 Sena | L-użu tas-sorsi primarji u sekondarji t'evidenza. Forom differenti ta' sorsi t'evidenza. | Forti Sant'Iermu, Il-Belt Valletta. | 13, 14, 15, 16, 17 ta' Jannar 2020 |
| **S16-19/20 Holocaust Memorial Day** | Attivitajiet marbuta mal-75 sena mill-liberazzjoni tal-kampijiet ta' konċentrament. | L-10 Sena | Storja Ġenerali - 10.5: It-Tieni Gwerra Dinjija<br>Storja (Option): Iż-Żewġ Gwerer Dinjija – Kawżi u Riżultati tat-Tieni Gwerra. | Forti Sant'Iermu, Il-Belt Valletta. | 27, 28, 29, 30, 31 ta' Jannar 2020 |
| **S17-19/20 Trekking fl-inħawi ta' Għar Dalam** | Mixja fl-inħawi ta' Għar Dalam u Wied Żembaq fejn l-istudenti jkollhom l-opportunità josservaw widien, flora u fawna u siti storiċi fl-inħawi. | Id-9 Sena | Storja: Siti ta' perjodi differenti inkluż; Il-Preistorja, Kavallieri u Ingliżi<br>Ġeografija: Il-Widien, Flora u Fawna tal-Gzejjer<br>Arti: Strand 1. Użu ta' Materjal, teknika, abilità u Media | Għar Dalam, Birżebbuġa. | 23, 24, 25, 26, 27 ta' Marzu 2020 |
| **S18-19/20 Niskopru Iċ-Ċittadella!** | Numru t'attivitajiet ispirati mis-sillabi tal-Istorja, l-Matematika, il-Litteriżmu Diġitali, l-Edukazzjoni Fiżika u l-Ġeografija. | Is-8 sena | Storja, Matematika, Litteriżmu Diġitali, Edukazzjoni Fiżika, Ġeografija. | Iċ-Ċittadella: Mużew tal-Arkeoloġija, Dar Storika tal-Gran Kastell, Mużew tal-Istorja Naturali. | 30 ta' Marzu 2019 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **S19-19/20 PAX ROMANA… Iura fi Żmien ir-Rumani** | Il-programm edukattiv jinkludi dawra bi spjegazzjoni dwar il-fdalijiet li jinstabu fid-Domvs Romana. L-attivita` tinkludi kaċċa għat-teżor, xogħol ta' mużajk u rappreżentazzjoni ta' reċta dwar il-każ ta' Kajjus Verres. | Is-7 sena | Arti: Xogħol tal-Mużajk<br>Drama<br>Storja: 7.3, 7.4 | Domvs Romana, ir-Rabat, Malta. | 27, 28, 29, 30 ta' April 2020 |

## SERJE TA' ATTIVITAJIET GĦALL-ISTUDENTI TAL-LEARNING SUPPORT ZONE

Heritage Malta qed toffri programm flessibli għall-istudenti tal-Learning Support Zone, tal-iskejjel Medji u Sekondarji. Din is-sena qed noffru żewġ attivitajiet mmirati għal dawn l-istudenti.

Attività 1: Heritage Trail: L-inħawi ta' Borġ in-Nadur u Għar Dalam
Attività 2: Heritage Trail: L-inħawi ta' Skorba u t-Tempji Ta' Ħaġrat.

Id-dettalji jiġu diskussi mal-għalliema nteressati li jibbukkjaw dawn l-attivitajiet. Għal aktar informazzjoni ibagħtu ittre lil Christian Formosa fuq christian.formosa@ilearn.edu.mt. Il-booking tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta. Id-donazzjoni ta' €1 għal kull student ma tapplikax għal dawn l-attivitajiet.